TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 428/11/GZ

**Massimo Alakkad**

**vs**

**Melita plc**

Illum 21 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u erbataw-il Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€114.26), rapprezentanti l-kont li hallas ghal servizz ipprovduta mis-socjeta' ntimata, liema ammont huwa hallas taht protesta stante li s-socjeta' ntimata kienet hadet zbal fis-servizz li kienet offrietlu; flimkien ma' talba ghall-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00) bhala danni morali.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

F'Marzu li ghadda kien cempel lis-socjeta' ntimata biex jistqasi dwar l-offerta taghha li taghti l-facilita' li tibghat messaggi bil-mobile bla limitu. Certu Krista kellmet lir-rikorrent fejn accertatu ghal diversi drabi li huwa setgha jhallas hames Ewro (€5.00) fix-xahar u jkun jista' jibghat messaggi kemm irid minghajr ma jehel spejjez ohra. Krista ziedet tghid li kienet ser tibda l-offerta b'effett mill-1 ta' April. Jidher li meta hija mliet il-formola mehtiega, hija hadet xi zbalji kbar li r-rikorrent sar jaf bihom zmien wara. Ir-rikorrent beda jircievi il-kotijiet minghand is-socjeta' ntimata, fejn bdew izommulu flus anke ghall-messaggi. Ir-rikorrent cempel kemm il-darba u

kitbilhom xi emails biex jara x'gara. F'Mejju ir-rikorrent kellem lil certu Claudia u hija ammettiet mieghu li Krista kienet hadet zbalji kbar u lanqas biss kienet dahlet lir-rikorrent fis-sistema tal-offerta. Claudia kompliet tghid li kienet ser tikteb email lil Krista biex tikkuntatja lir-rikorrent u li anke ser jirrangawlu kollox. Dakinhar, ir-rikorrent reggha cempel lis-socjeta' ntimata fejn kellem lil certiu Mark Micallef, u huwa kkonferma dak li kienet qalet Claudia. Iz-zmien kompla ghaddej pero' l-izbal baqa' ma ttrangax.

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bil-fatt li kien hemm hafna kuntatti minn naha tieghu, u kellu jiehu tliet (3) ijiem leave mix-xoghol, pero' is-socjeta' ntimata baqghet ma qdietux.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-Melita Mobile Ltd bhala socjeta' ntimata qieghda tikkontesta t-talba tar-rikorrent fil-fatt u fid-dritt.

Illi r-rikorrent abbona ghall-offerta ta' 'SMS Bundle – Postpaid' fit-18 ta' Marzu 2011.

Illi skond klawzola 1 tat-Termini u Kundizzjonijiet ta' din l-offerta, il-klijenti tal-Melita li huma sottoskritti ghall-Melita 'post-paid tariff plan' jistghu jissottoskrivu ghal 'bundle' ta' 250 SMSs ghall-prezz ta' €5.

Illi kif tistipola klawzola 7 tat-Termini u Kundizzjonijiet ta' din l-offerta, meta klijent jibbenifika minn din l-offerta u juza l-SMS Bundle kollu, il-klijent ikun iffatturat ghal kull SMS, bir-rata applikabbli skond it-tariffa li l-klijent huwa sottoskritt. Meta l-klijent jibghat SMSs qabel il-Bundle ikun attivat u/jew jibghat SMSs wara l-offerta tiskadi jew l-offerta tkun itterminata minn Melita, il-klijent ikun awtomatikament iffatturat bir-rata applikabbli skond it-tariffa li l-klijent ikun sottoskritt.

Illi r-rikorrent qieghed jigi ffatturat b'mod korrett.

Ghaldaqstant, is-socjeta' ntimata ssostni li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondanti u ghandhom jigu lkoll michuda.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tat-Termini u Kundizzjonijiet ta' l-offerta in kwistjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa reggha kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jghid ukoll

illi huwa kien hallas l-ammont ta' mija u erbatax-il Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€114.26) under protest, minbarra li qed jitlob ukoll danni morali.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li r-rikorrent ma ezebixxa l-ebda kont, ircevuta jew prova ta' l-istess, li fuq liema kont fl-ahhar mill-ahhar kienet ibbazata t-talba ta' l-istess, fuq nuqqas ta' provi qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**